



PARLAMENT EWROPEW

2009 – 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0057/2012**

12.3.2012

# RAPPORT

dwar l-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa  
(2011/2294(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: László Tőkés

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	15
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI .....	18
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	23

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa (2011/2294(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titolu 'Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa' (COM(2011)0567) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha dwar l-iżviluppi li seħħew dan l-aħħar fis-sistemi ta' edukazzjoni għolja Ewropej (SEC(2011)1063),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2011 bit-titolu 'Baġit għall-Ewropa 2020' (COM(2011)0500),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni' (COM(2010)0546),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2010 bit-titolu 'Żgħażaġħ mobbli – Inizjattiva biex jinħareġ il-potenzjal taż-zgħażaġh biex jinkiseb it-tkabbir bil-għaqal, sostenibbli u inklużiv fl-Unjoni Ewropea' (COM(2010)0477),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu 'Ewropa 2020 - Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2006 bit-titolu 'Inwasslu għar-riżultati ta' l-aġenda ta' modernizzazzjoni għall-universitajiet: L-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni' (COM(2006)0208),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011 dwar l-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim taż-zgħażaġh<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2011 dwar ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar id-dimensjoni

<sup>1</sup> [http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms\\_Data/docs/pressdata/mt/educ/126375.pdf](http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/mt/educ/126375.pdf).

<sup>2</sup> ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 70, 4.3.2011, p. 1.

soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ<sup>1</sup>,

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar l-internazzjonalizzazzjoni ta' edukazzjoni għolja<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ('ET 2020')<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010, b'mod partikolari l-parti bit-titolu 'Strateġija Ewropea ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir'<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2011 dwar l-aġenda għal hili u impjiegi ġodda<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar "Żgħażaġġ Attivi: qafas biex jittejjbu s-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ"<sup>6</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 bit-titolu "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġġ – Investiment u Responsabbilizzazzjoni"<sup>7</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020<sup>8</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-9 ta' Marzu 2011 dwar strateġija Ewropea dwar l-inklużjoni tar-Roma<sup>9</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar id-djalogu bejn l-Universitajiet u n-Negożji<sup>10</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru 2008 dwar il-Proċess ta' Bologna u l-mobbiltà tal-istudenti<sup>11</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat tad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0057/2012),
- A. billi l-kriżi ekonomika – u l-konsegwenzi tagħha f'termini ta' impożizzjoni ta' miżuri ta' awsterità u tat-tnaqqis baġitarju –, l-iżviluppi demografiċi, il-bidla b'pass mgħaġġel fil-

---

<sup>1</sup> ĠU C 135, 26.5.2010, p. 2.

<sup>2</sup> ĠU C 135, 26.5.2010, p. 12.

<sup>3</sup> ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

<sup>4</sup> [http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms\\_data/docs/pressdata/MT/ec/115356.pdf](http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/MT/ec/115356.pdf).

<sup>5</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0466.

<sup>6</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0230.

<sup>7</sup> ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 21.

<sup>8</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0453.

<sup>9</sup> Testi adottati, P7\_TA(2011)0092.

<sup>10</sup> ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 95.

<sup>11</sup> ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 18.

qasam tat-teknoloġġja u d-domanda għal ħiliet ġodda li tirriżulta qed joħlqu sfidi serji għas-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni għolja u jeħtieġu riformi estensivi f'dan il-qasam li jeħtieġ li ma jkun ta' ħsara għall-kwalità tal-edukazzjoni;

- B. billi, f'soċjetà bbażata fuq l-għarfien, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma l-fulkru tal-futur;
- C. billi jeħtieġ li l-individwi jingħataw sostenn biex jifformulaw il-karrieri tagħhom mill-ġdid u jeħtiġilhom iwessgħu, kif ukoll jaġġornaw, il-ħiliet u l-għarfien tagħhom b'rata dejjem aktar mgħaġġla ħalli jilqgħu l-isfidi tas-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li hemm differenza bejn il-programmi ta' studju vokazzjonali, fejn l-armonizzazzjoni Ewropea hi fattibli u mixtieqa, u dawk umanistiċi, fejn għandu jkun hemm liberta` u awtonomija sostanzjali tal-mogħdijiet ta' studju u riċerka li għandha x'taqsam kemm mad-differenzi storikokulturali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mad-diversità tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja f'dak li jirrigwarda t-tagħlim u l-missjoni speċifika tagħhom;
- D. billi l-Istrateġija Ewropa 2020 tiddikjara li, sal-2020, 40% tal-persuni ta' età bejn it-30 u l-34 sena fl-Ewropa għandhom jispiċċaw l-edukazzjoni għolja tagħhom jew studji ta' livell ekwivalenti, minħabba li huwa stmat li 35% tal-impjeggi kollha fl-UE se jeħtieġu kwalifiki bħal dawn; jinnota, madankollu, li fl-2010 fl-UE 26% tal-persuni fil-forza tax-xogħol biss kellhom kwalifiki ta' dan il-livell;
- E. billi aktar minn 21% taż-żgħażaġh fl-UE jinsabu qiegħda;
- F. billi fl-UE fl-2010, 16.5% taż-żgħażaġh la kienu fl-edukazzjoni u lanqas fis-suq tax-xogħol;
- G. billi fl-2010, fl-UE l-livell tal-qgħad ta' persuni b'lawrja ta' edukazzjoni terzjarja kien ta' 5.4% meta mqabbel ma' aktar minn 15% fost persuni li għandhom biss edukazzjoni sekondarja aktar baxxa; billi, min-naħa l-oħra, il-parti l-kbira tal-lawrjati dejjem qed idumu aktar u aktar ma jsibu impjeg sikur;
- H. billi aktar minn 60 % tal-gradwati tal-università huma nisa, iżda l-maġġoranza tal-postijiet ta' livell għoli fl-universitajiet (eż. pożizzjonijiet postdottorali u professorati) għadhom okkupati mill-irġiel;
- I. billi biss 13% mill-istituzzjonijiet fis-settur tal-edukazzjoni għolja huma mmexxija minn nisa u 9% biss tal-universitajiet għandhom mara bħala kap tal-persunal, u billi n-nisa għalhekk għandhom ħafna anqas influwenza rigward it-teħid ta' deċiżjonijiet dwar ir-riċerka;
- J. billi 75 mill-aħjar 200 università madwar id-dinja jinsabu fl-Istati Membri tal-UE;
- K. billi biss 200 mill-4 000 istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja Ewropej ġew ikklassifikati fost l-aqwa 500 fid-dinja;
- L. billi l-universitajiet ilhom kważi elf sena riżorsa Ewropea importanti, filwaqt li l-importanza tagħhom għall-progress tas-soċjetà m'għandhix tiġi ridotta għall-

kontribuzzjoni li jagħtu lill-ekonomija, u billi l-iżvilupp tagħhom m'għandux jiddependi biss mill-kapaċità tagħhom li jadattaw għall-bżonnijiet ekonomiċi tal-mudell ekonomiku attwali;

- M. billi għandu jiġi mħeġġeġ aċċess indaqs għall-edukazzjoni għolja u taħriġ għaż-żgħażaġh kollha;
- N. billi l-universitajiet jinkoraġġixxu l-awtonomija u l-kreattività tal-individwi u għandhom rwol importanti ħafna fil-promozzjoni tal-għarfien, u billi l-Istati Membri għaldaqstant għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li l-edukazzjoni għolja tkun aċċessibbli b'mod mifrux bla diskriminazzjoni, partikolarment dik għal raġunijiet soċjali, ekonomiċi, kulturali, razzjali jew politiċi;
- O. billi l-edukazzjoni, b'mod speċjali l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni terzjarja, hija responsabbli biex issawwar l-attitudnijiet u l-valuri li huma l-bażi tas-soċjetà ċivili,
- P. billi l-leġislazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri rispettivi tikkunsidra l-edukazzjoni għolja bħala għodda fundamentali għad-determinazzjoni tal-ġejjieni taċ-ċittadini tal-UE;
- Q. billi l-edukazzjoni hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri, u billi huwa importanti li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jirċievu appoġġ finanzjarju, l-ewwel u qabel kollox permezz tad-disponibilità ta' finanzjament pubbliku adegwat;
- R. billi l-ħolqien ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA) huwa żvilupp importanti li jista' jikkontribwixxi għall-integrazzjoni Ewropea filwaqt li jirrispetta d-diversità tal-edukazzjoni fl-Istati Membri differenti tal-UE u l-miri għall-edukazzjoni għolja f'relazzjoni mas-soċjetà;
- S. billi l-Unjoni Ewropea għandha rwol importanti x'taqdi għat-tisħiħ ta' din iż-żona bl-għajnuna tal-isforzi u l-kooperazzjoni tal-Istati Membri f'dan ir-rigward;

### ***Ir-rwol li qiegħed jinbidel tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja***

1. Jistieden lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jintegraw it-tagħlim tul il-ħajja fil-kurrikuli tagħhom, bl-għajnuna ta' assistenza ekonomika u programmi ta' studju differenti, u jadattaw għal bażi ta' studenti li tinkludi adulti, anzjani, studenti mhux tradizzjonali u studenti full-time li jkollhom jaħdmu waqt li jistudjaw, kif ukoll persuni b'diżabilità, u għaldaqstant jistieden lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jimplementaw programmi mmirati ħalli jneħħu l-ostakli u l-barrieri eżistenti;
2. Jistieden lil istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jikkunsidraw il-ħtiġijiet ta' persuni li jaħdmu li, bħala nies li jieħdu t-tagħlim tul il-ħajja, jeħtiġilhom jaġġornaw u jwessgħu ħiliethom f'intervalli regolari, inkluż permezz tal-organizzazzjoni u r-raffinament ta' korsijiet ta' aġġornament li jkunu aċċessibbli għall-gruppi soċjali kollha, kooperazzjoni mill-qrib ma' min iħaddem u l-iżvilupp ta' korsijiet li jaqdu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u li jistgħu jiffaċilitaw ir-ritorn tal-ħaddiema qiegħda lejn l-edukazzjoni;
3. Jistieden lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jmantnu l-ispirtu ta' awtonomija fit-tagħlim u fir-riċerka filwaqt li jipprovdu programmi ta' studju speċifiċi bil-għan li

jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' persuni li jaħdmu u li jkunu jixtiequ jaġġornaw ħiliethom;

4. Itenni li l-edukazzjoni għolja għandha l-potenzjali li tippromwovi l-inklużjoni soċjali, il-progress soċjali u l-mobilità soċjali 'l fuq; jitlob, fir-rigward tal-prinċipju tas-solidarjetà, lill-Istati Membri, il-gvernijiet reġjonali u lokali u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jsaħħu – fost l-oħrajn billi jiżviluppaw skemi ta' sostenn finanzjarju adegwat – l-isforzi tagħhom biex iwessgħu l-aċċess ekwu għall-istudji għal kulħadd, mill-ewwel tfulija sal-edukazzjoni għolja, irrispettivament mis-sess, etniċità, lingwa, reliġjon, diżabilità jew sfond soċjali, u jiġġieldu kontra kull sura ta' diskriminazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu l-multikulturaliżmu u l-multilingwiżmu, inklużi l-lingwi tas-sinjali, bħala valuri fundamentali tal-UE li jeħtieġ jitrawmu;
5. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu aktar attenzjoni u jsostnu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jaqdu minoranzi nazzjonali, etniċi jew lingwistiċi tradizzjonali, filwaqt li jiffukaw speċjalment fuq kulturi u lingwi pperikolati;
6. Jistieden lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jinkoraġġixxu l-parteeċipazzjoni tal-istudenti fl-isports;
7. Jissottlinja r-rwol komplementari tal-forom statali, privati u reliġjużi tal-edukazzjoni għolja madwar l-Ewropa;
8. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, filwaqt li jisħaq fuq il-ħtieġa li jinkiseb għarfien sod dwar l-integrazzjoni Ewropea u li jkun żurat li r-reġimi totalitarji tal-Ewropa ta' dari jiġu mifhuma bħala parti mill-istorja komuni tagħha;
9. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-edukazzjoni tradizzjonali tissokta għaddejja bi spirtu akkademiku u li ma nħallux li s-sistema edukattiva tkun għalkollox subordinata għas-sug tax-xogħol, fid-dawl tal-ħtieġa li jissawru l-valuri etiċi u morali tal-istudenti, fl-istess waqt li nieħdu ħsieb il-progress akkademiku tagħhom;
10. Jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jistabbilixxu qafas ġenerali – li jkun ikopri r-regoli, ir-responsabilitajiet, l-oġettivi politiċi u edukattivi, kif ukoll il-kwalità tat-taħriġ u r-riċerka u l-prijorità li tingħatalhom – biex fih jiġu promossi l-aħjar Prattiki u ikun hemm rispons għall-isfidi tas-soċjetà ta' komunikazzjoni;
11. Jenfasizza li hemm bżonn li l-persunal akkademiku u l-istudenti, kif ukoll l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, ikunu involuti fil-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja; jisħaq fuq il-fatt li kemm l-eċċellenza fir-riċerka, fis-sens wiesa' tal-kelma, kif ukoll l-eċċellenza fit-tagħlim u r-riżultati xjentifiċi, hemm bżonn jiġu ppremjati, mingħajr ma jiġu ppenalizzati b'hekk daww l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja – pereżempju l-fakultajiet tal-istudji umanistiċi – li ma jissodisfawx il-kriterji ta' valutazzjoni u rendiment marbutin biss mal-ħiliet mitluba mill-ekonomija tas-sug;

### ***L-informazzjoni dwar l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja***

12. Jisħaq fuq il-fatt li l-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja huma kundizzjoni ċentrali biex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-kapital intellettuali tal-Ewropa;

13. Jipproponi l-introduzzjoni ta' kriterji ċari u uniformi għall-ħolqien ta' klassifika pan-Ewropea tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, biex b'hekk l-istudenti prospettivi jkunu jistgħu jagħmlu għażla informata ta' università u tingħata informazzjoni komprensiva dwar l-universitajiet rispettivi;
14. Ihegġegħ l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tnedi, b'koperazzjoni mal-istituzzjonijiet, l-istudenti u l-persuni interessati l-oħra involuti kollha, strument multidimensjonali għall-klassifikazzjoni u l-iggradar tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja skont karatteristiċi bħal tradizzjoni twila ta' għoti ta' edukazzjoni għolja, il-kwalità tat-tagħlim, l-appoġġ għall-istudenti (i.e. boroż ta' studju, konsulenza, akkomodazzjoni, aċċessibilità fiżika u tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni, involviment reġjonali, u trasferiment tal-għerf; jopponi, min-naħa l-oħra, it-twaqqif ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja abbażi ta' indikaturi ta' rendiment mhux omoġenji li ma jqisux id-diversità tal-mogħdijiet u l-programmi edukattivi, u d-diversità lingwistika fl-universitajiet Ewropej;
15. Jenfasizza wkoll li din l-għodda m'għandhiex tinvolvi biss il-kompilazzjoni ta' tabelli ta' klassifikazzjoni konvenzjonali u li l-karatteristiċi speċifiċi tal-istituzzjonijiet rilevanti għandhom jingħataw l-attenzjoni dovuta fir-riżultati;
16. Jissuġġerixxi li għandha tingħata konsiderazzjoni għat-twaqqif ta' mekkaniżmu unifikat għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-konformità mal-istandards akkademiċi mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, kemm pubbliċi u kemm privati;

#### ***Il-finanzjament tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja***

17. Jisħaq fuq il-fatt li l-edukazzjoni għolja hija beni pubbliku li jrawwem il-kultura, id-diversità, il-valuri demokratiċi u l-iżvilupp personali, u li jipprepara lill-istudenti biex isiru ċittadini attivi li jappoġġaw il-koeżjoni Ewropea;
18. Jinsisti għal darb'oħra li l-Istati Membri għandhom jilħqu l-oġettivi ta' investiment ta' 2 % tal-PDG fl-edukazzjoni;
19. Jirrimarka li prinċipalment il-fondi pubbliċi u anke daww privati huma ta' importanza ewlenija għall-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja; jenfasizza li l-investimenti fl-edukazzjoni għolja fl-Ewropa hu kruċjali biex tintgħeleb il-kriżi ekonomika attwali; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jespandu l-programmi ta' boroż ta' studju u ta' finanzjamenti biex jinkludu lil daww l-istituzzjonijiet u jiżviluppaw metodi innovattivi ta' mekkaniżmi ta' finanzjament, li jistgħu jikkontribwixxu għal funzjonament aktar effiċjenti tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, jikkomplimentaw il-fondi pubbliċi mingħajr ma jżidu l-pressjoni fuq il-familji u jagħmlu l-edukazzjoni għolja aċċessibbli għal kulħadd; jesprimi s-sogħba tiegħu għat-tnaqqis sinifikattiv għall-baġits għall-edukazzjoni f'diversi Stati Membri, kif ukoll iż-żieda dejjiema fil-miżati għall-edukazzjoni, li qed iwassal għal żieda sinifikattiva fl-għadd ta' studenti vulnerabbli;
20. Jitlob li l-baġit tal-UE għall-2014-2020 taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew jinkludi nfiq fuq l-edukazzjoni għolja relatat mal-investimenti fl-infrastruttura universitarja u l-persunal akkademiku;



### ***It-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għolja għas-suq tax-xogħol***

21. Jistieden lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jadattaw għall-isfidi ġodda billi joħolqu oqsma ġodda ta' studju li jirriflettu l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, b'kunsiderazzjoni tal-iżvilupp tax-xjenza u tat-teknoloġija billi jinżamm bilanċ xieraq bejn l-għarfien teoretiku u l-ħiliet prattiċi;
22. Jitlob il-promozzjoni tal-aħjar prattiki li jistgħu jgħinu lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jsaħħu t-tagħlim u r-riċerka fl-oqsma tematiċi kollha permezz tal-inklużjoni ta' studenti u jipprovdu kwalifiki fundamentali addizzjonali għas-suq tax-xogħol sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni taż-żgħażaġh mill-edukazzjoni għolja għas-suq tax-xogħol;
23. Jitlob li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jinfetħu kemm biex joffru taħriġ vokazzjonali kontinwu, kif ukoll biex joħolqu l-forsijiet xierqa għall-ħaddiema li ma jkunux kisbu kwalifika ta' edukazzjoni sekondarja għolja, sabiex jisfruttaw il-potenzal addizzjonali biex jiksbu l-kwota ta' gradwati;
24. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposta tagħha għal qafas ta' kwalità għall-apprendistati u jenfasizza s-suċċess tal-programm Erasmus li jagħti l-opportunità lill-istudenti biex jiksbu esperjenza ta' xogħol barra minn pajjiżhom, u jinsisti li din l-azzjoni titkompla taħt il-programm il-ġdid u tissaħħaħ permezz ta' finanzjamenti xierqa;
25. Jistieden lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u lill-istituzzjonijiet responsabbli għas-settur edukattiv fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew jimmonitoraw it-tendenzi fir-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol sabiex jirriflettu b'mod aktar preċiż il-ħtiġijiet tal-ġejjieni f'termini ta' opportunitajiet ta' tagħlim;
26. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu segwiti l-kisbiet tal-gradwati fil-qasam tal-impjeg biex jitkejjel kemm is-settur tal-edukazzjoni għolja qed jirreaġixxi tajjeb għad-domandi tas-suq tax-xogħol; jilqa' għalhekk l-impenn tal-Kummissjoni li ttejjeb id-disponibilità ta' data ta' dan it-tip, bl-għan prinċipali li ttipprovi lill-istudenti bl-informazzjoni meħtieġa biex tiggwida l-għażliet tagħhom fil-qasam tal-istudju, waqt li fl-istess ħin tagħti lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ta' riċerka l-informazzjoni meħtieġa biex jidentifikaw u, sussegwentement, jiżviluppaw programmi ta' studju li jkopru kemm l-għarfien ġenerali, kif ukoll il-ħiliet professjonali speċifiċi permezz ta' tagħlim tul il-ħajja, fi djalogu kontinwu ma' dawk involuti fil-produzzjoni tal-għarfien, iżda anke mas-soċjetà kollha kemm hi u mal-istat;
27. Ihegġegħ lill-Istati Membri jiġbdu u jippubblikaw data statistika rigward il-korrelazzjoni bejn il-lawrji ta' edukazzjoni għolja differenti u l-opportunitajiet ta' impjeg;
28. Jitlob li jiġi zviuppat bank tad-data internazzjonali, simili għal AlmaLaurea, li jgħin lill-gradwati jidentifika l-opportunitajiet xierqa ta' xogħol, taħriġ, studju u riċerka, waqt li l-ostakli ekonomiċi jitneħħew permezz ta' boroż ta' studju u self għall-istudenti sabiex tiġi żgurata ugwaljanza ta' vera fost l-istudenti u b'hekk jitħeġġu l-mobilità u t-tqabbil tal-ħiliet max-xogħlijiet; itenni l-importanza ta' komunikazzjoni adatta fl-iżgurar li din l-informazzjoni tkun disponibbli faċilment għall-istudenti, il-gradwati reċenti, il-qiegħda, min qed ifittex xogħol u min jimpjega;

29. Jikkunsidra li l-iskemi tal-garanziji taż-żgħażaġħ huma għodda siewja għall-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għolja għall-impjiegi u jitlob lill-Istati Membri jinkorpoaw l-iskemi ta' dan it-tip fl-istrateġiji ta' tranżizzjoni nazzjonali tagħhom;
30. Ifakkar ir-rwol importanti li l-fondi strutturali jistgħu jiżvolġu f'dan ir-rigward; jilqa' l-impenn li sar fi ħdan il-komunikazzjoni "Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażaġħ" (COM(2011)0933) għall-iskjerament sħiħ tar-riżorsi disponibbli u jitlob lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u l-awtoritajiet lokali jużaw din l-opportunità sabiex iżidu l-provvista ta' appoġġ u gwida għall-istudenti li jkun se jidħlu fis-suq tax-xogħol;

### ***Il-bilanċ bejn is-sessi fl-edukazzjoni għolja***

31. Jinnota li għad fadal differenzi bejn is-sessi fis-sistemi edukattivi Ewropej allavolja kważi l-pajjiżi kollha issa implimentaw politiki biex jiġġilduhom, u li tali differenzi jinfluwenzaw kemm ir-rendiment fl-iskola u kemm l-għażliet ta' studju u karriera, u għandhom effett negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku u fuq l-istat assistenzjali;
32. Jenfasizza l-fatt li ħafna studenti nisa li jattendu skejjel vokazzjonali jew sekondarji għadhom jagħżlu karrieri li jirriflettu r-rwol tradizzjonali tas-sess tagħhom; jinnota għalhekk li hemm bżonn ta' gwida vokazzjonali aħjar għall-ġlieda kontra l-istereotipi persistenti;
33. Jirrimarka li, bħala konsegwenza tal-fatt li l-kwalifiki ta' edukazzjoni għolja tagħhom mhumiex kummerċjabbli biżżejjed, in-nisa ta' spiss ikunu kkwalifikati żżejjed u mħallsa inqas milli suppost għall-impjiegi tagħhom u ħafna drabi jispiċċaw qiegħda jew f'impjiegi prekarji, sitwazzjoni ta' żvantaġġ addizzjonali għalihom fis-swieq tax-xogħol fil-bidu tal-karriera tagħhom, li tkompli ssostni ċ-ċiklu tal-inugwaljanza fil-paġi;
34. Ifakkar li, fl-Istati Membri kollha, għadhom ftit l-inizjattivi stabbiliti bl-għan li jipprovdu informazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni; jissuġġerixxi li l-għalliema jingħataw taħriġ speċifiku dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
35. Jirrimarka li l-kondiviżjoni tar-responsabilitajiet domestiċi u tal-familja bejn in-nisa u l-irġiel hija *sine qua non* għall-avvanz u l-kisba tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; jistieden lill-universitajiet u lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jirrikonoxxu li l-istudenti nisa jista' jkollhom responsabilitajiet addizzjonali speċifiċi barra mit-tagħlim, bħall-kura ta' tfal żgħar jew ta' qraba anzjani; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-universitajiet jipprovdu lill-ġenituri – speċjalment lin-nisa – bi kwantità suffiċjenti ta' kura tat-tfal ta' kwalità għolja, ekonomika u aċċessibbli, inklużi ċentri tal-komunità, sabiex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ndaq tagħhom fl-istudji u r-riċerka; iħeġġeġ ukoll l-introduzzjoni ta' varjetà ikbar ta' metodi ta' studju, pereżempju t-tagħlim part-time u mill-bogħod, u, f'dan ir-rigward, ifakkar lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jżidu l-livell ta' sostenn finanzjarju għat-tagħlim tul il-ħajja sabiex jippermettu lin-nisa jkomplu l-istudji tagħhom, jidħlu mill-ġdid fil-forza tax-xogħol u jarmonizzaw ir-responsabilitajiet professjonali u personali tagħhom;

### ***L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja involuti***

36. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jinvolvu ruħhom b'mod aktar intensiv mar-reġjuni tagħhom u jistabbilixxu azzjonijiet kollaborattivi dinamiċi mal-gvernijiet reġjonali, il-kunsilli lokali, il-korpi pubbliċi, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp reġjonali; jirrimarka li dan għandu jsaħħaħ ukoll l-interazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u min iħaddem;
37. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet ċentrali u reġjonali tagħhom jinkludu u jappoġġaw lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja f'kooperazzjoni transkonfinali;
38. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jintensifikaw l-interazzjoni bejn it-tliet naħat tat-triangolu tal-għarfien (l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni) bħala element fundamentali għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi;
39. Jirrimarka li l-iżvilupp tal-kurrikuli tal-edukazzjoni għolja u l-programmi ta' riċerka għandu jibqa' komputu għall-universitajiet, waqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fir-rigward tal-impjegabilità;
40. Jilqa' l-appoġġ tal-Kummissjoni għal 'Alleanzi tal-Għarfien' u 'Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali' li fihom l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jiskambjaw informazzjoni man-negozji filwaqt li jiżviluppaw kurrikuli biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet; jistieden lill-intrapriżi u lill-intraprendituri, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jiżviluppaw sħubijiet mal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja b'mod attiv, billi jipprovdu taħriġ intern ta' kwalità għolja għal studenti u lekċerers u japprofittaw mill-ħiliet trasferibbli ġenerali tal-lekċerers; itenni però illi l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għandhom jipproduċu kontenut kulturali li jista' jiġi tradott mhux biss f'ħiliet vokazzjonali iżda anke f'għarfien ġenerali, f'termini ta' esperjenza intellettuali tar-realtà u l-valuri komuni li jgħix bihom iċ-ċittadin;
41. Jitlob li jkun hemm impenn għal approċċi ta' taħlim aktar flessibbli u innovattivi u għal metodi ta' forniment li jkunu dejjem iċċentri fuq il-bżonnijiet tal-istudenti;
42. Jinnota l-ħtieġa biex l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u l-intrapriżi transkonfinali jikkoperaw fi programmi prattiċi u fit-tiswir tal-karrieri futuri tal-istudenti billi jidentifikaw il-moġdijiet ta' żvilupp, l-istennijiet u l-isfidi speċifiċi li se jistennewhom fis-suq tax-xogħol;
43. Jenfasizza l-utilità li jiġu żviluppanti mekkaniżmi u strateġiji ta' ġestjoni li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' ideat innovattivi u ta' riżultati ta' riċerka fis-soċjetà u fin-negozju, u li jippermettu lis-soċjetà u lin-negozji jipprovdu kontribut għall-edukazzjoni għolja rigward il-bżonnijiet attwali u mistennija għal ħiliet u innovazzjonijiet, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-aħjar prattiki minn madwar id-dinja; jirrimarka li tali kollegament aktarx jiffavorixxi finanzjarjament biss lil dawk l-istituzzjonijiet ta' riċerka u ta' edukazzjoni għolja li jispeċjalizzaw fl-innovazzjoni u t-teknoloġija għad-detriment tal-edukazzjoni iktar marbuta mal-istudji umanistiċi;
44. Jafferma mill-ġdid il-valur ta' governanza demokratika bħala mod fundamentali biex jiġi żgurat il-ħelsien akkademiku u tkun promossa l-parteċipazzjoni attiva tal-parteċipanti kollha fil-ħajja ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja;

45. Jenfasizza li t-trasparenza, d-distribuzzjoni ugwali tad-drittijiet u l-obbligi bejn is-sħab kooperattivi u l-iskejjel ta' edukazzjoni għolja relevanti, kif ukoll prinċipju bbilanċjat ta' rappreżentanza iridu jiġu osservati fil-kuntest tal-koperazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jkunu jistgħu jorganizzaw u jiżviluppaw ruħhom b'mod awtonomu bħala beni pubbliċi skont il-prinċipji akkademiċi;
46. Jenfasizza wkoll li l-prinċipju tad-demokrazija u tal-awtogovernanza fost l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u l-persunal u l-istudenti tagħhom għandu jiġi rispettat u miżmum fil-proġetti kollaborattivi kollha;
47. Jitlob, għalhekk, li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u d-diversi entitajiet tagħhom jiġu rikjesti jiżvelaw il-ftehimiet kooperattivi ma' partijiet terzi;
48. Jenfasizza l-importanza tal-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u s-settur tal-volontarjat Ewropew, sabiex tiġi promossa ċ-ċittadinanza attiva u l-involvement tal-istudenti f'parteċipazzjoni attiva permezz ta' ħidma fis-settur tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi;
49. Jissottolinja l-importanza tal-isport fil-proċess edukattiv; jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw u jħeġġu l-isport fost l-istudenti u jżidu l-appoġġ għall-programmi sportivi bażiċi;
50. Jirrimarka li l-firxa u l-intensità tal-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u sħabhom fin-negozju u s-soċjetà jvarjaw ħafna fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u d-dixxiplini akkademiċi;
51. Jenfasizza li hemm bżonn ta' investiment kontinwu fir-rabta bejn l-edukazzjoni, il-kultura, ir-riċerka u l-innovazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li jibqa' jingħata appoġġ lil l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u li jibqa' jiġi żviluppat bil-komunitajiet ta' għarfien u innovazzjoni tiegħu;
52. Jenfasizza l-importanza tal-kultura fl-edukazzjoni għolja u jitlob l-inklużjoni ta' kriterji speċjali għall-istudji umanistiċi kemm fl-innovazzjoni, kif ukoll fir-riċerka;
53. Jenfasizza l-bżonn li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jiġu involuti u jipprovdu appoġġ għall-inizjattivi tal-istudenti kif ukoll jassistu fil-koordinament ta' attivitajiet ta' dan it-tip fost istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, intrapriżi u awtoritajiet lokali oħrajn minn diversi Stati Membri;

#### ***Ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki***

54. Jirrikonoxxi l-ġid inerenti fil-varjetà wiesgħa ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa; jistieden lill-Istati Membri u lil dawn l-istituzzjonijiet jiżviluppaw mogħdijiet ċari u integrati, li jippermettu li l-istudenti javvanzaw minn tipi oħra ta' edukazzjoni għall-edukazzjoni għolja u li dawn ikunu jistgħu jibdlu bejn mogħdijiet u tipi ta' istituzzjonijiet differenti;
55. Jenfasizza madanakollu l-hteġa li tinżamm id-diversità tal-mogħdijiet u l-programmi edukattivi, tal-metodi ta' tagħlim u tas-sistemi universitarji fl-UE; hu tal-fehma li

konsegwentement hemm bżonn jiġi żviluppat qafas nazzjonali tal-kwalifiki, waqt li fl-istess ħin jiġi promoss ir-rikonoxximent reċiproku tal-lawriji u tal-kwalifiki fost l-Istati Membri kollha;

56. Iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha tal-UE jimplimentaw l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki marbuta mal-Qafas tal-Kwalifiki tal-EHEA u jiżviluppaw u jappoġġaw finanzjarjament ir-rikonoxximent reċiproku;
57. Jirrimarka li l-mobilità tal-istudenti, u fuq kollox l-istudju fl-universitajiet l-oħra taħt il-Programm Erasmus, jikkontribwixxu għall-iskambju tal-aħjar prattiki u b'hekk għall-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja; jinnota, għaldaqstant, il-ħtieġa biex l-università ta' provenjenza tirrikonoxxi l-kwalifiki miksuba waqt studju f'universitajiet oħra;
58. Jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni biex jittejjeb ir-rikonoxximent tal-istudju mwettaq barra billi tikkonsolida s-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS); jitlob li jsiru sforzi ulterjuri mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiżguraw rikonoxximent iktar effikaċi u aktar armonizzazzjoni fir-rigward tal-kwalifiki akademiċi wkoll;

#### ***It-titjib tal-mobilità fl-EHEA u lil hinn minnha***

59. Itenni li l-edukazzjoni għolja hija beni pubbliku Ewropew komuni u li l-Istati Membri, il-gvernijiet reġjonali, l-awtoritajiet lokali u l-UE jaqsmu responsabilità komuni fl-iżvilupp u t-tisħiħ tal-EHEA, taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u tal-Proċess ta' Bologna;
60. Jisħaq fuq il-fatt li koordinazzjoni akbar fost l-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni għolja – anke permezz ta' appoġġ finanzjarju u politiku b'saħħtu għal ftehimiet dwar kurrikuli bażiċi komuni u riżultati ta' taġlim iddefiniti sew – hija prekundizzjoni għall-ilħuq tal-għanijiet tal-impjegabilità u t-tkabbir fl-Ewropa; jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni bejn il-ministeri rilevanti tagħhom sabiex jaġġornaw il-kurrikuli eżistenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;
61. Jirrimarka l-ħtieġa għal kollaborazzjoni bejn l-EHEA u ż-ŻER bħala mezz ta' appoġġ għall-programmi ta' riċerka universitarji kemm fix-xjenza, kif ukoll fl-istudji umanistiċi;
62. Jitlob li tiġi promossa l-attraenza tal-EHEA u taż-ŻER għall-istudenti u r-riċerkaturi mid-dinja kollha u li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-pajjiżi mhux tal-UE f'oqsma edukattivi u fi kwistjonijiet relatati mal-mobilità fil-livell tal-istaff u tal-istudenti, b'mod partikulari mal-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropew tal-Viċinat (PEV) jew li għandhom fruntiera diretta mal-UE, sabiex l-EHEA ssir kalamita għal taħriġ u għarfien li jkun kemm makroreġjonai u kemm globali, partikolarment f'dak li għandu x'jaqşam mal-programmi ta' skambju u ta' taħriġ professjonali;
63. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' programmi Erasmus u Leonardo da Vinci Ewromediterranji, bil-għan li jippromwovu il-mobilità transnazzjonali fost l-istudenti miż-żewġ naħat tal-Mediterran;
64. Jitlob li jinfetħu programmi ta' mobilità, skambju, riċerka u esperjenza ta' ħidma għal studenti minn pajjiżi affiljati mas-Sħubija tal-Lvant;

65. Ifakkar l-importanza tal-mobilità kemm fost l-istudenti, kif ukoll fost l-ġhalliema u, f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni twettaq progress fuq il-Kodiċi tal-UE dwar il-Viżi;
66. Ifakkar fil-mira li, sas-sena 2020, 20% tal-gradwati tal-Ewropa għandhom ikunu mobbli u jenfasizza l-importanza ta' ħliet lingwistiċi bħala prekondizzjoni għal aktar mobilità fi ħdan l-EHEA u għall-impjegabilità;
67. Jappoġġa t-tisħiħ tat-tagħlim tal-ilsna u tal-lingwaġġ tas-sinjali – u tat-tagħlim u l-iżvilupp tal-ilsna lokali u reġjonali – fi ħdan l-EHEA bħala prekondizzjoni għall-iżvilupp ta' ċittadinanza Ewropea ta' vera bbażata fuq il-multikulturaliżmu u l-pluraliżmu lingwistiku;
68. Jenfasizza l-ħtieġa li s-sistema ta' edukazzjoni għolja f'kull Stat Membru tipprovdi tagħlim ta' kwalità għolja sabiex in-numru akbar ta' opportunitajiet ta' mobilità għall-istudenti ma jimxix id f'id ma' aggravament tal-"ħarba tal-imħuħ" li issa hija problema soċjali ġenwina f'xi Stati Membri;
69. Jirrimarka li l-inugwaljanzi persistenti li jeżistu bejn is-sistemi ta' edukazzjoni għolja tal-Ewropa tal-Punent u dawk tal-Ewropa Ċentrali/tal-Lvant għandhom jiġu indirizzati permezz ta' miżuri ta' integrazzjoni ta' vera, bl-għan li titħeġġeġ u tiġi appoġġata kollaborazzjoni transkonfinali bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija u tfassal pjan ta' azzjoni finanzjarja professjonali għat-tnaqqis ta' dawn l-inugwaljanzi reġjonali sinifikattivi;
70. Jistieden lill-Istati Membri, l-UE u s-sistemi ta' edukazzjoni għolja Ewropej jivvalutaw il-possibilità li jippromwovu, fi ħdan iċ-ċiklu ta' studju, perjodu ta' tagħlim obbligatorju f'università ta' Stat Membru apparti dik li jkun affiljat magħha l-istudent;
71. Itenni l-prinċipju li l-iskemi ta' self ma jistgħux jissostitwixxu s-sistemi ta' għotjiet stabbiliti bħala appoġġ għal aċċess għall-edukazzjoni għall-istudenti kollha jkun xi jkun l-isfond soċjali tagħhom;
72. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara ulterjorment il-proposta biex jinħoloq strument finanzjarju li jgħin lill-istudenti jiksbu finanzjament żgur għal lawrja tal-Masters barra mill-Istat Membru ta' provenjenza tagħhom, ikunu xi jkunu l-isfond soċjali u l-possibilitajiet finanzjarji tagħhom; jitlob li jkun hemm aċċess ġust u trasparenti għall-iskema fl-Istati Membri kollha;
73. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni biex jiżdied il-baġit disponibbli tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka fil-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss, biex b'hekk tiġi kkomplementata l-azzjoni li hađu l-Istati Membri, minħabba l-fatt li l-investment fl-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka huwa fundamentali biex jintlaħqu l-oġġettivi Ewropa 2020 u biex jinkiseb tkabbir għaqli, sostenibbli u inklussiv fl-Ewropa;

o

o o

74. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Fl-Ewropa hemm madwar 19-il miljun student u aktar minn 4,000 istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja, iżda filwaqt li ħaddiema bl-ogħla hilit se jkunu meħtieġa f' 35% tal-impjegi kollha sal-2020, bħalissa 26% tal-ħaddiema tal-forza tax-xogħol biss għandhom kwalifiki ta' livell għoli. Ir-responsabbiltà għall-edukazzjoni għolja taqa' prinċipalment fuq l-Istati Membri u fuq l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja stess. Azzjonijiet tal-UE (bħall-ġhotjiet Erasmus lill-istudenti biex dawn jistudjaw barra) jikkomplimentaw u jikkoordinaw l-isforzi tal-Istati Membri. Iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA) u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka jikkostitwixxu l-qafas għal politika tal-UE dwar l-edukazzjoni għolja.

### Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Insostnu t-tkabbir u l-impjegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa' tidentifika l-isfidi li għandhom jiffaċċjaw l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, pereżemju li l-ġhadd ta' persuni b'lawrja jiżdied, li jkun hemm aċċess akbar għall-edukazzjoni għolja, li jsir aġġustament tal-kurrikuli biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u li jissaħħaħ it-trasferiment tal-ġharfien mill-universitajiet għan-negozju. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll Skema ta' Mobilità tal-Erasmus fil-Livell ta' Masters. Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) se jipprovdu faċilità ta' garanzija ta' self għall-istudenti fil-livell Ewropew, li jiffinanzjaw self mill-banek biex wieħed jistudja fil-livell ta' Masters barra minn pajjiżu: bi spiża ta' madwar EUR 100 miljun fis-sena, din se tippermetti lil 55 000 student ieħor jikseb lawrja tal-Masters barra minn pajjiżu.

### It-twessigħ tal-aċċess għall-edukazzjoni għolja

Minħabba l-isfidi li qed jiffaċċjaw is-soċjetajiet Ewropej, huwa kruċjali li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jibqgħu jiġu ffinanzjati b'mod xieraq anki waqt li s-soċjetajiet qed ikollhom iħabbtu wiċċhom mal-kriżi ekonomika attwali. Sabiex tiġi ssodisfata d-domanda għall-hilit fil-futur, ammonti dejjem akbar ta' persuni qed ikollhom ilestu l-edukazzjoni għolja, u l-ħaddiema qed ikollhom jaġġornaw il-hilit u l-ġharfien tagħhom b'mod kontinwu waqt ix-xogħol. Il-proċess ta' aċċess usa' għall-edukazzjoni għolja għal persuni minn kull sfond soċjali diġà beda. Bħala konsegwenza ta' dan, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jridu jħabbtu wiċċhom ma' numru dejjem akbar ta' studenti u ma' bażi ta' istudenti li dejjem tinbidel, li issa tinkludi wkoll studenti tat-tagħlim tul il-ħajja. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għandhom bżonn iqisu l-bżonnijiet ta' studenti minn sfondi etniċi u lingwistiċi differenti.

Għalhekk, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jridu jadattaw il-kurrikuli u l-metodi ta' tagħlim tagħhom għal numru dejjem jiżdied ta' studenti u għal studenti bi bżonnijiet differenti. Dan il-proċess jiffa' pressjoni konsiderevoli fuq l-istudenti u fuq il-persunal ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja. Iż-żewġ gruppi għandhom ikunu involuti b'mod attiv fl-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa, u l-membri tal-persunal għandhom jiġu

ppremjati għall-eċċellenza kemm fit-tagħlim kif ukoll fir-riċerka. Il-kwalità tat-tagħlim fl-  
edukazzjoni għolja hija aspett ċentrali li l-istudenti prospettivi jqisu meta jiddeċiedu fejn  
għandhom ikompli l-edukazzjoni tagħhom. Għalhekk, l-inklużjoni tagħha - fost fatturi oħra,  
bħall-prestazzjoni fir-riċerka, l-involviment ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja f'livell  
reġjonali u trasferiment tal-għarfien - fil-klassifiki, kif ġie propost mill-Kummissjoni fl-  
għodda ġdida għall-klassifikazzjoni "U-Multirank" se tkun utli ħafna għall-istudenti  
prospettivi.

### **L-edukazzjoni għolja u s-suq tax-xogħol**

L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja għandhom jipprovdur lin-nies bil-ħiliet u bl-għarfien  
meħtieġa għas-swieq tax-xogħol tal-ġejjieni. Għalhekk, huwa importanti li jiġi żgurat li l-  
ħiliet li jiġu mgħallma jkunu rilevanti għar-realtajiet tas-suq tax-xogħol, u li dawn jippermettu  
lill-persuni b'lawrja biex jiksbu impjeg fil-qasam li għalih tkun ippreparatom il-lawrja  
tagħhom. Il-monitoraġġ tal-assimilazzjoni ta' persuni li jkollhom lawrja fid-dinja tax-xogħol,  
u t-titjib tal-kwalità u d-disponibbiltà tad-dejta komparattiva internazzjonali dwar persuni li  
jkollhom lawrja, kif propost mill-Kummissjoni, se jgħin lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni  
għolja biex iwettqu l-funzjoni tagħhom b'mod aqwa u jadattaw il-kurrikuli skont il-ħtiġijiet  
tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, in-negozji, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju,  
għandhom jgħarrfu b'mod ċar lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja dwar liema tip ta'  
ħiliet ifittxu fl-impjegati. L-inizjattiva tal-Kummissjoni li tappoġġja Alleanzi tal-Għarfien u  
Alleanzi tal-ħiliet Settoralji se tiffaċilita dan id-djalogu bejn negozji u istituzzjonijiet ta'  
edukazzjoni għolja sabiex il-kurrikuli jiġu mtejbja. Għall-istudenti, apprendistati ta' kwalità  
jistgħu jkunu mod kif jidhru fis-suq tax-xogħol u jaraw kif jistgħu japplikaw il-ħiliet u l-  
għarfien tagħhom fil-prattika. L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi qafas ta' kwalità  
għal apprendistati hija importanti biex jiġi żgurat li l-apprendisti jiksbu esperjenza rilevanti u  
li dawn jgawdu minn kundizzjonijiet tajba waqt il-perjodu li jkollhom man-negozju.

### **Istituzzjonijiet involuti**

Jeħtieġ li istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jiġu "involuti" ma' msieħba esterni, bħal  
kunsilli reġjonali u lokali, komunitajiet u negozji, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju,  
sabiex jiġi promoss l-iżvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku fir-reġjuni tagħhom. Strutturi  
marbutin flimkien daqshekk mill-qrib u kooperazzjoni stabbilita jistgħu jiffaċilitaw it-  
trasferiment effettiv tal-għarfien u tal-innovazzjoni minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja  
għal negozji. Madankollu, bħalissa din il-kooperazzjoni mhijiex qed isseħħ fl-Istati Membri  
kollha, u filwaqt li xi istituzzjonijiet u dixxiplini ta' edukazzjoni għolja qed jisbqu fl-oqsma  
tal-involviment f'livell reġjonali u t-trasferiment tal-għarfien, oħrajn ma jinvolvux ruħhom  
b'dan il-mod. Għalhekk, għandu jiġi mħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam.

### **Il-mobbiltà fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja**

Il-mobbiltà fl-EHEA hija appoġġata b'suċċess mill-programm Erasmus: iż-żieda fil-baġit li  
hija prevista għal dan il-programm ta' suċċess u l-introduzzjoni proposta tal-Iskema ta'  
Mobbiltà tal-Erasmus fil-Livell ta' Masters intlaqgħu b'sodisfazzjon kbir. Madankollu, xi  
drabi l-mobbiltà fl-EHEA għandha wkoll konsegwenzi mhux intenzjonati: min-naħa waħda,  
influss ta' studenti minn Stati Membri oħra, b'mod partikolari f'ċerti dixxiplini, pereżempju  
dik tal-mediċina; min-naħa l-oħra, "ħarba tal-imħuħ" hekk kif studenti kapaċi jtilqu minn  
pajjiżhom biex jistudjaw barra, u ġieli ma jmorrux lura f'pajjiżhom wara li jtemmu l-istudji



tagħhom.

Hekk kif ikomplu jeżistu d-differenzi bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja tal-Ewropa tal-Punent u dawk tal-Ewropa tal-Lvant Ċentrali, huwa importanti ħafna wkoll li sseħħ integrazzjoni reali ta' dawn l-istituzzjonijiet, biex l-iżvilupp tagħhom jiġi ffaċilitat u tingħatalhom għajnunha biex jimmodernizzaw ruħhom. Għalhekk, pjan ta' azzjoni professjonali u finanzjarju mill-Kummissjoni li jgħin u jippromwovi żviluppi bħal dawn jintlaqa' b'sodisfazzjon.

Għandna bżonn nirrikonoxxu wkoll il-fatt li kemm l-Istati Membri kif ukoll l-UE huma responsabbli għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-EHEA. Jenħtieġ li jsir sforz konġunt sabiex tinbena sistema ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li hija inklussiva, li toffri opportunitajiet indaqs u għarfien u ħiliet aġġornati u innovattivi, mobbiltà mingħajr ostakoli u kollaborazzjoni bilanċjata u effiċjenti bejn il-partijiet interessati kollha.

Fieċ-ċirkostanzi diffiċli tal-lum, l-għan ewlieni tagħna li nippruvaw nimmodernizzaw is-sistemi tagħna ta' edukazzjoni għolja għandu jkun li nwaqqfuhom milli jaqgħu lura wara l-edukazzjoni għolja li teżisti f'postijiet oħra fid-dinja. Huwa fatt ta' tħassib serju li 200 biss mill-4,000 istituzzjoni tagħna ta' edukazzjoni għolja ġew ikklassifikati fost l-aqwa 500 fid-dinja – u li minn dawn, ftit biss kienu mill-Ewropa tal-Lvant Ċentrali: hemm bżonn li l-edukazzjoni għolja Ewropea tmur aħjar. B'mod aktar ġenerali, hemm bżonn li jsir titjib fl-edukazzjoni għolja kollha, jekk tassew irridu nżommu, u forsi anki ntejbu, il-livell tal-kompetittività globali tal-Ewropa.

28.2.2012

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI**

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar l-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa  
(2011/2294(INI))

Rapporteur: Andrea Češková

### **SUĠĠERIMENTI**

Il-Kumitat għad-Driftijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jitlob lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. Billi iktar minn 60 % tal-gradwati tal-università huma nisa, iżda l-maġġoranza tal-postijiet ta' livell għoli fl-universitajiet (eż. pożizzjonijiet relatati ma' riċerka wara d-dottorat u ta' professorati) għadhom okkupati mill-irġiel; whereas only 13 % of institutions in the higher education sector are headed by women and only 9 % of universities have a female head of staff, and whereas women therefore have considerably less influence with regard to research decision-making,
- B. filwaqt li 35 % tal-impjegi kollha fl-UE se jirrikjedu kwalifiki għolja sal-2020, waqt li 26 % biss tal-ħaddiema għandhom kwalifika ta' edukazzjoni għolja,
- C. billi biss 30.15% tal-istudenti tas-suġġetti tal-matematika, ix-xjenza u t-teknoloġija (MST) huma nisa, u billi oqsma fejn in-nisa huma ġeneralment dominanti jinkludu l-edukazzjoni u t-taħriġ, is-saħħa u l-benessri, l-istudji umanistiċi u tal-arti,
- D. billi l-iżvilupp ta' massa kritika ta' nisa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għadu indegwat ħafna,
- E. billi hemm proporzjon baxx inkwetanti ta' nisa fuq bords tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mar-riċerka, filwaqt li 25% biss tal-membri tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (KER) huma nisa; billi 1700 proġett – li jirrappreżentaw madwar EUR 2.5 biljun f'għotjiet – intgħażlu biex jingħataw fondi mill-KER sa mit-twaqqif tiegħu fl-2007, u billi madwar 90% ta' dawk l-għotjiet ingħataw lill-kandidati rġiel,
- F. billi l-istrateġija UE 2020 tiddekrivi fil-qosor il-ħtieġa għal tkabbir intelliġenti fl-UE u

tenfasizza l-importanza ta' politika ta' R&Ż u innovazzjoni, iżda madankollu n-numru ta' nisa li jiggradwaw minn suġġetti STEM għadu baxx, b'20% biss tal-gradwati fil-kamp tal-inġinerija jkunu nisa,

1. Jistieden lill-universitajiet, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jinkoraġġixxu lin-nisa żgħażaġh jistudjaw suġġetti li fihom in-nisa m'humiex rappreżentati biżżejjed, speċjalment xjenza, teknoloġija, IT, inġinerija u matematika, li jipprovdu bażi għall-ħiliet ta' livell għoli u b'konsum baxx ta' karbonju; jenfasizza li l-isterjotipi dwar dawn il-professjonijiet iridu jkunu indirizzati, pereżempju billi n-nisa żgħażaġh ikunu infurmati b'mod partikulari dwar il-possibilitajiet tagħhom li jsiru riċerkaturi u dwar l-opportunitajiet disponibbli fil-qasam tar-riċerka, inkluża r-riċerka applikata, li għandu jilliberalizza talent mhux sfruttat;
2. Jistieden lill-kulleġġi ta' edukazzjoni għolja u lill-universitajiet joffru korsijiet ta' orjentament speċifiċi fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika bil-għan li jinfurmaw lin-nisa u jinkoraġġixxuhom jagħżlu linji ta' studju u ta' karriera f'oqsma li fihom l-irġiel huma rappreżentati żżejjed;
3. Jinnota li għad hemm differenzi bejn is-sessi fis-sistemi edukattivi Ewropej għalkemm kważi l-pajjiżi kollha implimentaw politiki biex jiġġilduhom, u li tali differenzi jinfluwenzaw kemm ir-rendiment fl-iskola u kemm l-għażliet ta' studju u karriera, u għandhom effett negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku u fuq l-istat assistenzjali;
4. Jitlob lill-universitajiet u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jappoġġaw u jħeġġu l-istudji tal-ġeneru kemm fil-livell universitarju tal-ewwel grad kif ukoll f'dak postlawrja;
5. Jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jintroduċu programmi u fondi speċjali, skemi ta' taħriġ b'tutur u proġetti komunitarji sabiex iżidu t-taħriġ u l-parteċipazzjoni tan-nisa żgħażaġh fir-riċerka u l-iżvilupp, fis-settur tal-IT u l-ekonomija ekoloġika, u jinnota li għandu jsir l-aħjar użu mill-mudelli pożittivi u gwidi għall-karriera (pathfinders) bħala mezzi sabiex jinfurmaw u jagħtu parir lill-istudenti nisa dwar l-għażliet tal-karrieri tagħhom;
6. Jirrimarka li l-kondiviżjoni tar-responsabilitajiet domestiċi u tal-familja bejn in-nisa u l-irġiel huwa sine qua non għall-avvanz u t-temma tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; jistieden lill-universitajiet u lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jirrikonoxxu li studenti nisa jista' jkollhom responsabbilitajiet addizzjonali speċifiċi barra mit-tagħlim, bħall-kura ta' tfal żgħar jew ta' qraba anzjani; jenfasizza l-hteġa li l-universitajiet jipprovdu lill-ġenituri – speċjalment lin-nisa – b'kura tat-tfal ta' kwalità għolja, li ma tkunx għalja għall-but tagħhom u tkun aċċessibbli, inklużi ċentri tal-komunità, sabiex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ndaqs tagħhom fl-istudji u r-riċerka; iħeġġeġ ukoll l-introduzzjoni ta' varjetà ikbar ta' metodi ta' studju, pereżempju t-tagħlim part-time u mill-bogħod, u, f'dan ir-rigward, ifakkar lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex iżidu s-sostenn finanzjarju għat-tagħlim tul il-ħajja sabiex jippermettu lin-nisa jkomplu l-istudji tagħhom, jidħlu mill-ġdid fil-forza tax-xogħol u jarmonizzaw ir-responsabbiltajiet professjonali u personali tagħhom;
7. Huwa tal-fehma li sabiex tintlaħaq ugwaljanza effettiva bejn is-sessi fil-qasam tal-edukazzjoni huwa essenzjali li jitneħħew l-isterjotipi li għadhom jeżistu permezz tal-

promozzjoni ta' politiki sodi li jrawmu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

8. Jitlob lill-Istati Membri jsegwu l-eżempju tajjeb tal-hekk imsejħa universitajiet tat-'terza età' jew tat-'tielet ġenerazzjoni' u jħeġġeġ lin-nisa sabiex japplikaw;
9. Iqis li hu meħtieġ li tkun indirizzata l-iskarsezza tan-nisa fil-pożizzjonijiet pubbliċi ta' livell għoli fir-riċerka u tagħlim, għaliex il-parteċipazzjoni tan-nisa fix-xjenza u t-teknoloġija tista' tikkontribwixxi għal iżjed innovazzjoni, kwalità u kompetittività fil-qasam tar-riċerka xjentifika u industrijali u jeħtieġ li tiġi promossa; jirrimarka li hemm probabilità akbar li n-nisa jkollhom waqfiet fil-karriera milli l-irġiel li jagħmlu xogħol bħalhom, sabiex irabbu familja, u għalhekk jitlob lill-universitajiet u l-istituti ta' riċerka jipprovdu miżuri xeirqa biex jippermettulhom isibu bilanċ bejn karriera akkademika u ħajja tal-familja (il-kura tat-tfal, liv flessibbli eċċ.);
10. Iqis ikoll li ji meħtieġa reviżjoni tal-kriterji għall-promozzjoni f'pożizzjonijiet ta' livell għoli relatati mar-riċerka (eż. professorati) sabiex tkun inkluża perspettiva qawwija tas-sessi u jkun indirizzat in-nuqqas ta' nisa f'pożizzjonijiet bħal dawn;
11. Ifakkar li, fl-Istati Membri kollha, għadhom ftit l-inizjattivi stabbiliti bl-għan li jipprovdu informazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni; jissuġġerixxi li l-għalliema jingħataw taħriġ speċifiku dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
12. Iqis li hu meħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ulterjuri jirrevedu l-proċessi interni tagħhom bl-għan li jirreklutaw u jippromwovu l-aħjar persuni, inkluż proporzjon sinifikanti ta' nisa;
13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jżidu n-numru ta' professuri u riċerkaturi nisa fl-ambitu tax-xjenza, u jibdew kampanji ta' informazzjoni permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa sabiex jindirizzaw il-kwistjoni tas-sottorappreżentanza tan-nisa fis-suġġetti tal-MST;
14. Jenfasizza li ħafna studenti nisa li jattendu skejjel vokazzjonali jew ta' edukazzjoni sekondarja għadhom jagħżlu karrieri li jirriflettu r-rwol tradizzjonali tas-sess tagħhom; jinnota, għalhekk, il-bżonn ta' gwida professjonali aħjar għall-għlieda kontra l-istereotipi persistenti;
15. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-istituti ta' riċerka sabiex jadottaw u jinfurzaw strateġiji ta' ugwaljanza fl-organizzazzjonijiet tagħhom u sabiex iwettqu evalwazzjonijiet tal-impatt tal-ġeneru fil-proċessi tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet; ifakkar li dawn l-istituzzjonijiet huma meħtieġa wkoll jiżguraw trattament u opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel fuq il-post tax-xogħol u fl-edukazzjoni; jenfasizza li, għal dan il-għan, għandhom ikunu adottati miżuri biex tkun evitata kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni, sabiex in-nisa jkunu jistgħu jilħqu pożizzjonijiet aħjar fis-settur pubbliku u dak privat; iħeġġeġ lin-nisa jipparteċipaw fis-sħubijiet bejn l-università/is-settur privat, u f'arranġamenti ta' kooperazzjoni, pereżempju permezz ta' ftuħ ta' negozji jew spin-offs;
16. Jenfasizza li biex tkun miġġielda l-inugwaljanza bejn is-sessi – li għadha teżisti fil-qasam

tal-edukazzjoni – b'mod effettiv, huwa essenzjali li titħeġġeġ il-kooperazzjoni politika bejn l-Istati Membri billi jiġu promossi skambju ta' prattiki tajbin u billi jiġu żgurati programmi ta' finanzjament speċifiku;

17. Jitlob lill-universitajiet u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja biex iżidu r-rappreżentazzjoni tan-nisa fuq bords tad-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mar-riċerka, bil-għan li jinkoraġġixxu aktar nisa jaħdmu fl-edukazzjoni għolja;
18. Iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha tal-Proċess ta' Bologna jimplimentaw oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali u jiżviluppaw ir-rikonoxximent reċiproku u jipprovdu appoġġ finanzjarju għalih;
19. Ifakkar fid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2011 li bi ħsiebha tipproponi leġiżlazzjoni Ewropea fl-2012 li tinkludi miri vinkolanti sabiex ir-rappreżentanza ta' kull sess tiżdied għal minimu ta' 40%, jekk il-kumpaniji ma jżidux il-proporzjon tan-nisa fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom b'mod volontarju b'5% fis-sena sabiex tintlaħaq rappreżentanza tan-nisa ta' 30% sal-2015 u ta' 40% sal-2020;
20. Jirrikonoxxi li n-nisa għadhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakli sabiex jilhqnu l-ogħla livell fil-kuntest tal-edukazzjoni postlawrja u fil-qasam tar-riċerka; jitlob, għalhekk, lill-Istati Membri u l-universitajiet ifasslu u jimplimentaw strateġiji nazzjonali sabiex jiżguraw il-parteċipazzjoni tan-nisa f'dawk l-oqsma;
21. Jitlob għal iżjed appoġġ min-naħa tal-gvernijiet jitwaqqfu miżuri bl-għan tat-twessigħ tal-aċċess għall-istudenti minn gruppi sottorappreżentati u sfondi soċjoekonomiċi iżjed baxxi, kif ukoll għall-immigranti u l-minoranzi;
22. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħlqu programmi mfassla għat-taħriġ u l-appoġġ għax-xjenzati nisa żgħażagħ b'rabta mal-parteċipazzjoni fi programmi ta' riċerka u t-tressiq ta' applikazzjonijiet għall-għotjiet, sabiex jgħinuhom jibqgħu fil-qasam akkademiku u tar-riċerka;
23. Jinsisti li d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa għadha ta' raġuni ta' tħassib serju u jinnota li fil-fatt in-nisa għandhom inqas riżorsi waqt il-ħajja tax-xogħol tagħhom u li jsibu aktar diffikultà fl-aċċess għall-finanzi meta jirtiraw, u li fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, ir-riċerkaturi u l-professuri nisa huma mħallsa anqas mill-kontropartijiet irġiel fuq l-istess livell; jinnota li n-nisa konsegwentement huma iżjed affettwati mill-irġiel mill-forom kollha ta' faqar, inkluż il-faqar għalkemm jaħdmu; jistieden, għalhekk, sistema ta' rimunerazzjoni indaqs għall-postijiet ta' riċerka ekwivalenti, ladarba d-distakk fil-paga bejn is-sessi huwa spiża li la l-Istat Membru individwali u l-anqas l-UE bħala entità ma jistgħu jlaħħqu magħha;
24. Jikkritika l-fatt li l-aġenda tal-Kummissjoni għall-modernizzazzjoni tas-sistemi Ewropej tal-edukazzjoni għolja ma tqisx id-differenzi bejn is-sessi, u li l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi bażikament mhix preżenti;
25. Jitlob lill-Istati Membri jintroduċu rekwiżit ta' timijiet ta' riċerka li jkollhom bilanċ bejn is-sessi bħala kriterju ta' eliġibbiltà għall-proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-Istat;

26. Jirrimarka li, bħala konsegwenza tal-fatt li l-kwalifika ta' edukazzjoni għolja tagħhom mhijiex kummerċjabbli biżżejjed, in-nisa ta' spiss ikunu kkwalifikati żżejjed u mħallsa inqas milli suppost għall-impjiegi tagħhom u ħafna drabi jispiċċaw qiegħda jew f'impjiegi prekarji, sitwazzjoni ta' żvantaġġ addizzjonali għalihom fis-swieq tax-xogħol fil-bidu tal-karriera tagħhom, li tkompli ssostni ċ-ċiklu tal-inugwaljanza fil-pagi;
27. Jisħaq li t-titjib tal-parteċipazzjoni tan-nisa żgħażaġh fis-suq tax-xogħol għandu effett pożittiv ħafna fuq il-kompetittività u t-tkabbir, apparti li jiżgura l-indipendenza ekonomika tan-nisa fl-istadji bikrija u aktar 'il quddiem f'ħajjithom;
28. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jinkludu dimensjoni tas-sessi fil-kurrikuli tal-edukazzjoni għolja, peress li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet din għadha nieqsa.

#### RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	27.2.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 29 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Edit Bauer, Andrea Češková, Edite Estrela, Iratxe García Pérez, Sophia in 't Veld, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nicole Kiil-Nielsen, Silvana Koch-Mehrin, Constance Le Grip, Astrid Lulling, Elisabeth Morin-Chartier, Siiri Oviir, Raül Romeva i Rueda, Joanna Senyszyn, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Angelika Werthmann, Marina Yannakoudakis, Anna Záborská, Inês Cristina Zuber
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Vilija Blinkevičiūtė, Kent Johansson, Christa Klauf, Kartika Tamara Liotard, Ana Miranda, Mariya Nedelcheva, Katarína Neved'alová, Antigoni Papadopoulou, Sirpa Pietikäinen

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.2.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 -: 2 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Lorenzo Fontana, Mary Honeyball, Petra Kammerevert, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Gianni Pittella, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, László Tőkés, Helga Trüpel, Gianni Vattimo, Marie-Christine Vergiat, Milan Zver
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Heinz K. Becker, Nadja Hirsch, Seán Kelly, Iosif Matula, Georgios Papanikolaou, Olga Sehnalová, Rui Tavares